# L-AKKADEMJA TAL-MALTI (1920)

Kaxxa Postali 145, il-Belt CMR
www.akkademjatalmalti.com

**Fix-xhur li għaddew, ħallewna numru ta' kittieba u ħbieb kbar tal-Malti li taw kontribut kbir fil-qasam tal-letteratura jew tar-riċerka. Minn hawnhekk l-Akkademja tal-Malti tixtieq issellmilhom**

## Ġużè Chetcuti (1914—2006)

Poeta, rumanzier, drammaturgu, traduttur u għalliem li ħallielna għadd ta' xogħlijiet li jibqgħu magħrufa fl-istorja tal-letteratura tagħna. Wara li kiseb ċerta fama permezz tal-poeżiji tiegħu miktubin fis-snin ta' madwar it-Tieni Gwerra Dinjija, hija n-narrattiva u l-kitba drammatika tiegħu li qatgħetu mill-ġenerazzjoni tar-Romantiċi u kisbitlu r-reputazzjoni ta' wieħed mill-ftit kittieba fil-letteratura tagħna li rnexxielu jittrasforma l-infuwenza tan-naturaliżmu Ewropew f'xogħlijiet memorabbli fi lsienna. Drammi bħal *Il-Kerrejja* u rumanzi bħal *L-Isqaq* jitqiesu mill-kritiċi kollha bħala eżempji mill-aħjar tal-kitba mdakkra min-naturaliżmu f'pajjiżna, moviment żgħir imma li jistħoqqlu aktar importanza fl-istorja letterarja tagħna.

Chetcuti kien attiv fl-Għaqda Kittieba tal-Malti għal bosta snin. Serva f'għadd ta' karigi u fl-aħħar snin ta' ħajtu kien il-President Onorarju ta' l-Akkademja tal-Malti.

## Ġorġ Chetcuti (1921—2006)

Poeta u ġurnalista, ħu Ġużè. Ġorġ Chetcuti ħadem bħala ġurnalista u għalliem f'Malta sakemm emigra lejn l-Awstralja fl-1965. Hemmhekk baqa' attiv fil-ġurnaliżmu u fil-ħajja letterarja u kulturali tal-Maltin. Kien membru ta' l-Akkademja tal-Malti sa mewtu.

## Ir-Reverendu Professur Dwardu Fenech (1933—2006)

Lingwista prominenti u kittieb ta' saġġi letterarji. Għallem il-Malti u l-Għarbi għal ħafna snin fl-Università ta' Malta. Fost il-pubblikazzjonijiet l-aktar magħrufa tiegħu hemm *Vassalli u Kitbietu* (1977) u *Lingwistika Ġenerali* (1980).

## Frans Baldacchino magħruf bħala l-Budaj (1943—2006)

Għannej li jibqa' mfakkar għall-mod innovattiv kif ippreżenta l-għana Malti f'termini u kuntesti ġodda. Minbarra li rrekordja ħafna xogħlijiet u ħa sehem f'ħafna inizjattivi kulturali, ippubblika wkoll volum ta' poeżiji bit-titlu *Imrieżaq ta' Moħħu*.

## Patri Alessandru Bonnici (1936—2006)

Awtur prolifiku ta' kotba dwar l-Istorja ta' Malta u tal-Knisja Kattolika. Kien editur tar-rivista *Melita Historica*.

## Lewis Portelli (1930—2006)

Ġurnalista sportiv li ħadem kemm fuq ix-xandir kif ukoll fil-ġurnaliżmu stampat. Ippubblika għadd ta' kotba dwar l-isport, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Ħadem għal diversi snin fix-xandir edukattiv ta' l-istat u okkupa diversi karigi fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, fejn kien ukoll Direttur ta' l-Informazzjoni.

## Taħdita minn Godfrey Wettinger

Il-Professur Godfrey Wettinger se jagħti taħdita bit-titlu Wiċċ Malta qabel il-Kavallieri li l-Akkademja tal-Malti qed torganizza bl-għajnuna tad-Dipartiment tal-Malti ta' l-Università ta' Malta. Din it-taħdita se ssir f'Sala Erin Serracino Inglott, l-Università ta' Malta nhar il-Ħamis 22 ta' Marzu fis-6.30 p.m. Godfrey Wettinger ġabar 'il fuq minn sitt elef toponimu (ismijiet ta' nħawi) u xandarhom fid-dizzjunarju Place-Names of the Maltese Islands ca. 1300-1800. Il-valur ta' dawn l-ismijiet mhuwiex biss il-kliem qadim li fihom imma wkoll it-tifsir ta' l-ismijiet infushom. Fin-nuqqas ta' xhieda ta' kif kienet tidher Malta qabel il-miġja tal-Kavallieri, dawn it-toponimi jagħtuna tagħrif b'saħħtu u interessanti.

## Quddiesa għal Ruħ il-Membri Mejta ta' l-Akkademja

Se ssir quddiesa għall-bżonnijiet tal-membri mejta ta' l-Akkademja tal-Malti. Din il-quddiesa se ssir is-Sibt 24 ta' Marzu 2007 fil-5.30 p.m. (tkun tgħodd għall-Ħadd) fil-Knisja ta' Sarria, il-Furjana. Il-membri kollha huma mħeġġa jattendu.



## Serata f'Ġieħ Ġużè Chetcuti

L-Akkademja ħadet sehem f'serata organizzata mill-Uffiċċju tal-Primministru f'ġieħ il-kittieb Ġużè Chetcuti, li saret fil-Berġa ta' Kastilja nhar is-26 ta' Settembru. F'din l-okkażjoni l-President ta' l-Akkademja, Dr Marco Galea għamel diskors dwar il-kontribut ta' Chetcuti fil-letteratura Maltija. Kelliema oħra kienu jinkludu lill-Onorevoli Dr Louis Galea, Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Eċċellenza tiegħu Dr Ugo Mifsud Bonnici, President Emeritus tar-Repubblika, u l-Onorevoli Dr Lawrence Gonzi, Primministru.

## Doqqli Daqqa

L-Akkademja għad fadlilha xi kopji tas-Cd Doqqli Daqqa tal-Ġukulari Ensemble li qed tbigħ bi prezz speċjali ta' Lm5.50. Din id-diska tinkludi numru ta' melodiji tradizzjonali Maltin, uħud magħrufa, oħrajn li kienu mitlufin. Mad-diska hemm inkluż librett bil-Malti u bl-Ingliż li jagħti ħafna informazzjoni dwar is-siltiet. Min hu interessat jixtri kopja huwa mitlub jibgħat ċekk fl-indirizz ta' l-Akkademja u d-diska tintbagħtlu bil-posta.

## Il-Fond tal-Kittieba tal-Malti mal-Bank APS

Ftit ġimgħat ilu, il-Bank APS ippubblika l-ktieb ta' poeżija *Għana Bikri u Għana Mwaħħar* ta' Ġorġ Pisani wara li l-manuskritt ġie approvat mill-bord ta' qarrejja maħtur mill-Akkademja. Il-ktieb jinsab għall-bejgħ bil-prezz ta' Lm 2.95. Il-bord approva wkoll manuskritt ieħor li għandu jkun ippubblikat dalwaqt.



## (Ta') Barra Minn Hawn: Ir-Razza u r-Radika fil-Letteratura Maltija

Nhar is-Sibt 3 ta' Frar l-Akkademja tal-Malti, bl-għajnuna tad-Dipartiment tal-Malti ta' l-Università, organizzat seminar dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija fil-letteratura Maltija fis-Sala Erin Serracino Inglott ta' l-Università ta' Malta. Fis-seminar tkellmu Carmel Cassar, Marco Galea, Michael Grech, Adrian Grima, Immanuel Mifsud, Paul Pace SJ u Raphael Vella. Mexxiet id-diskussjoni Anna Zammit. Is-seminar ħares lejn kif il-Maltin bnew l-identità tagħhom permezz tal-letteratura u forom oħra ta' diskors u kif dan id-diskors ħafna drabi kien jinkorpora antagoniżmu lejn gruppi speċifiċi ta' barranin. Minbarra li ngħataw spjegazzjonijiet storiċi u ideoloġiċi għal dawn il-fatturi, is-seminar iddiskuta wkoll id-diskors kontempoiranju dwar il-barranin, b'mod partikulari t-termini li jintużaw biex jidentifikaw gruppi "ġodda" fis-soċjetà Maltija.

## Il-Malti

Il-ħarġa akkademika ta' Il-Malti se toħroġ fis-Sajf li ġej. Għalhekk il-bord editorjali jixtieq jistieden lil min għandu xi artiklu li jixtieq li jiġi inkluż f'din il-ħarġa biex jibagħtu fl-indirizz ta' l-Akkademja jew inkella lill-editur fl-indirizz elettroniku marco.galea@um.edu.mt sa l-aħħar ta' Marzu 2007.

## Riżenja

F'Ottubru 2006, is-Sur Patrick Sammut kellu jirreżenja mill-Kunsill ta' l-Akkademja minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsill ta' l-Akkademja, f'isem il-membri kollha, jixtieq jirringrazzjah tax-xogħol siewi li wettaq fiż-żmien li kien membru fil-Kunsill. Postu mtela mis-Sur Nicholas Vassallo.

## Imsieħba Ġodda fl-Akkademja tal-Malti

Kif jitlob artiklu 3.4 ta' l-istatut, l-Akkademja tal-Malti tgħarraf lill-membri tagħha bis-sħubija ta' dawn il-membri ġodda: Is-Sur Victor Vella, għalliem, xandar, u kittieb ta' diversi kotba għat-tagħlim tal-Malti. Jgħix l-Awstralja. Is-Sur William Grech, gradwat fil-Malti, għadu kemm temm il-kors għall-qarrejja tal-provi fl-Università ta' Malta.

## KOTBA LI WASLULNA

Fix-xhur li għaddew waslulna dawn il-kotba

Joseph Axiaq, *Dwardu Cachia* (1857-1907), Pubblikazzjoni APS Bank Fond Kittieba tal-Malti, Malta 2005, pp. 143.għal-librerija ta' l-Akkademja tal-Malti:

Louis Briffa, Bil-Varloppa, PEG, Malta, 2006, pp. 434.

Francis Ebejer, *Requiem għal Sieħbi Faxxista*, traduzzjoni ta' Charles Briffa, Pubblikazzjoni APS Bank Fond Kittieba tal-Malti, Malta 2004, pp. 280.

Joseph M. Ghigo, Miexi lejn id-Dawl - Ġabra ta' tifkiriet personali, Pubblikazzjoni APS Bank b'kooperazzjoni ma' l-Akkademja tal-Malti, Malta, 2006, pp. 288.

Charles Magro, Dawra ma' l-Ewropa bl-istejjer, Kotba Saghtar, 2005, pp. 87.

Giuseppe Mifsud Bonnici, *Il-Mixja tal-Ħajja*, PEG, 1997, pp. 96.

Maurice Mifsud Bonnici, *Gwerra ta' Mħabba*, PEG, 2005, pp. 216.

Maurice Mifsud Bonnici, *Bushido: Ħajku/Haiku*, PEG, 2002, pp. 127.

Ġorġ Pisani, *Għana Bikri u Għana Waħħari*, Pubblikazzjoni APS Bank Fond Kittieba tal-Malti, Malta 2006, pp. 84.

Awturi varji, Innaqqsu l-Inċertezzi - Seminar fuq il-Varjanti ortografiċi - dokument għad-diskussjoni, Il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti, Malta, 2007, pp. 195.

Vincent Vella, *Bagalja Ħolm*, Pubblikazzjoni APS Bank Fond Kittieba tal-Malti, Malta 2005, pp. 158.

Joe Zammit Tabona, L-Għanja ta' l-Imdina u poeżiji oħra, 2003, pp. 52.
għal-librerija ta' l-Akkademja tal-Malti:

Michael Zammit, *Għana 'l Hena*, Pubblikazzjoni APS Bank Fond Kittieba tal-Malti, Malta 2005



## Seminar dwar il-Kultura Orali

Is-seminar dwar il-kultura orali li sar nhar is-Sibt 3 ta' Ġunju fis-Sala Isouard tat-Teatru Manoel ntlaqa' tajjeb ħafna. Is-sala kienet mimlija b'nies interessati fis-suġġett li ddiskutew ma' l-erba' kelliema (il-Professur Godfrey Wettinger, Dr. Carmel Cassar, is-Sinjura Anna Borg Cardona u Dr Ġorġ Mifsud-Chircop) dwar id-diskorsi tagħhom. It-taħditiet li nstemgħu dakinhar se jidhru fi ktieb ta' KKM.